Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,262, 16 ta' Lulju, 2002
Taqsima B

A.L. 204 ta' l-2002

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Regoli ta' l-2002 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Taxxa Provviżorja (P.T.)

BIS-SAĦĦA tas-setghat moghtija bl-artikoli 42(2) u 58 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu. **1.** It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2002 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Taxxa Provviżorja (P.T.), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-2000 dwar it-Taxxa Provviżorja (P.T.), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". A.L. 48 ta' l-2002.

Jemenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali. **2.** Fis-subregola (2) tar-regola 3 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "stabbiliti f'dawn ir-Regoli." għandhom jidħlu l-kliem "stabbiliti f'dawn ir-Regoli jew kif notifikat mill-Kummissarju taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11(4) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap. 123.".

Jissostitwixxi r-regola 5 tar-regoli prinċipali. **3.** Minflok ir-regola 5 tar-regoli prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. Salv kif xort'oħra provdut f'dawn ir-Regoli t-total tal-ħlasijiet tal-P.T. matul perjodu bażi ma għandux ikun inqas mill-*benchmark* tal-P.T. li jkun japplika f'dak iż-żmien meta jkun dovut it-tielet ħlas tal-P.T. u għandu jitħallas kif ġej -

(a) mill-anqas għoxrin fil-mija tal-*benchmark* tal-P.T. għandhom jitħallsu sad-data li fiha jkun dovut l-ewwel ħlas tal-P.T.;

(b) mill-anqas tletin fil-mija oħra tal-*benchmark* tal-P.T. għandhom jitħallsu sad-data li fiha jkun dovut it-tieni ħlas tal-P.T.:

Iżda fejn il-*benchmark* tal-P.T. li jirriżulta mit-tħaddim ta' regola 6(3) jew regola 6(4) huwa ogħla minn dak li kien ġie

determinat skond regola 6(1) jew regola 7, l-ammont ta' taxxa provvižorja li għandu jitħallas sad-data li fiha jkun dovut it-tieni ħlas tal-P.T. għandu jkun mill-anqas ħamsin fil-mija tal-*benchmark* tal-P.T. kif maħdum skond regola 6(3) jew regola 6(4) iżda bi tnaqqis minnu ta' kull pagament ta' P.T. diġa' magħmul għall-perijodu bażi;

(ċ) mill-anqas ħamsin fil-mija oħra tal-*benchmark* tal-P.T. għandhom jitħallsu sad-data li fiha jkun dovut it-tielet ħlas tal-P.T:

Iżda meta l-*benchmark* tal-P.T. li jirriżulta mit-tħaddim ta' regola 6(3) jew regola 6(4) jkun ogħla minn dak li jkun ġie determinat skond regola 6(1) jew regola 7, l-ammont ta' taxxa provvižorja li għandu jitħallas sad-data li fiha jkun dovut it-tielet ħlas tal-P.T. għandu jkun il-*benchmark* tal-P.T. kollu kif maħdum skond regola 6(3) jew regola 6(4) bi tnaqqis minnu ta' kull pagament ta' P.T. diġa' magħmul għall-perjodu bażi.".

Emenda r-regola 6 tar-regoli prinċipali.

4. (1) Fis-subregola (2) tar-regola 6 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "Għall-fini ta' din ir-regola" għandhom jidħlu l-kliem "Għall-fini tas-subregola (1) ta' din ir-regola";

(2) Minnufih wara s-subregola (2) tar-regola 6 tar-regoli prinċipali, għandhom jidħlu dawn is-subregoli ġodda li ġejjin:

"(3) Meta l-Kummissarju jkun għamel stima ta' l-*income* taxxabbli ta' persuna li tħallas it-taxxa provvižorja skond ma hemm fl-artikolu 31(5) ta' l-Att għal xi sena ta' stima *benchmark* u jkun ta avviż ta' dik l-istima lil dik il-persuna li tħallas it-taxxa provvižorja qabel il-bidu tax-xahar li fih ikun dovut ħlas tal-P.T., il-*benchmark* tal-P.T. għandu jiġi stabbilit billi jittieħed l-ammont ta' taxxa li jidher li għandu jitħallas skond dik l-istima u tingħadd lura kull taxxa provvižorja li jista' jkun hemm u li tkun ġiet meqjusa f'dik l-istima.

(4) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dawn ir-regoli, meta lill-Kummissarju jkun jidhirlu li l-*benchmark* tal-P.T. ta' persuna li tħallas it-taxxa provvižorja kif jirriżulta minn regola 6(1) jew regola 7 jkun sostanzjalment inqas mill-ammont li fl-opinjoni tiegħu għandu jiġi mħallas għal dak il-perjodu mill-imsemmija persuna li tħallas it-taxxa provvižorja, il-Kummissarju jista' f'kull żmien jistabbilixxi *benchmark* li tkun tapplika u jinforma b'dan lill-persuna li tħallas it-taxxa provvižorja permezz ta' avviż bil-miktub, u meta dak l-avviż jiġi mogħti qabel il-bidu tax-xahar li fih ikun dovut xi ħlas tal-P.T., il-*benchmark* tal-P.T. ikun ekwivalenti għall-ammont muri f'dak l-avviż.".

Jemenda r-regola 7 tar-regoli prinċipali.

5. (1) Fil-paragrafu (ċ) tas-subregola (1) tar-regola 7 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "il-benchmark tal-P.T. jkun xejn." għandhom jidħlu l-kliem "il-benchmark tal-P.T. jkun xejn;".

(2) Minnufih wara l-paragrafu (ċ) tas-subregola (1) tar-regola 7 tar-regoli prinċipali, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) jekk, wara li jkun għamel determinazzjoni skond l-artikolu 31(3) ta' l-Att, dwar it-taxxa li għandha titħallas għassena ta' stima inkwistjoni, il-Kummissarju jkun għamel stima skond l-artikolu 31(5) ta' l-Att u jkun ta avviż ta' dik l-istima lil dik il-persuna li tħallas it-taxxa provviżorja, il-*benchmark* tal-P.T. għandu jiġi stabbilit bil-mod speċifikat fis-subregola (3) tar-regola 6 ta' dawn ir-regoli.".

Jemenda r-regola 14 tar-regoli prinċipali.

6. Minnufih wara s-subregola (1) tar-regola 14 tar-regoli prinċipali, għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

"Iżda meta t-taxxa għall-perjodu bażi li tkun ser tirriżulta mill-istima personali ta' persuna li tħallas it-taxxa provviżorja tkun inqas minn dik li tirriżulta mill-*benchmark* tal-P.T., it-taxxa addizzjonali li għandha titħallas fuq din id-differenza għandha tiġi mnaqqsa b'disgħin fil-mija.".